MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 171/1996/1

**SEDUTA tad-9 ta' Dicembru 2003**

Citazzjoni numru 171/1996

Giacchino sive Jack Bugeja u b'digriet tal-4 ta' April 2002 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Josef Bugeja u f'isem Theresa Bugeja bhala legittima rapprezentanta ta' binha minuri Anthony George, minflok Gioacchino sive Jack Bugeja li miet fil-mori tal-kawza

-vs-

John Mizzi

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut f’diversi okkazjonijiet kien inkariga lill-attur sabiex jaghmel xoghol ta’ tahmil u skavazzjoni fil-barriera tieghu f’San Lawrenz, Ghawdex.

Illi fl-ahhar okkazjoni, waqt li l-attur kien qieghed jesegwixxi l-appalt lilu moghti, il-konvenut qabad u minghajr ebda raguni inkariga lil hadd iehor jissokta bl-istess xoghol.

Illi lill-attur ghadha dovuta s-somma ta’ erba’ mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm475) bhala bilanc ta’ hlas ghax-xoghol esegwit f’okkazjonjijiet qabel l-ahhar appalt.

Illi ukoll l-attur irid li jigi likwidat il-hlas dovut lilu ghax-xoghol minnu esegwit fl-okkazjoni ta’ l-ahhar appalt inkluzi l-kumpens pagabbli skond il-ligi minhabba t-temm minghajr gustifikazzjoni ta’ dan l-appalt.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenut baqa’ inadempjenti.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiffissa u tistabilixxi l-ammont globali dovut mill-konvenut lill-attur liema ammont ghandu jinkludi fih sew il-hlas ta’ erba’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm475) dovut kif fuq spjegat u kif ukoll il-kumpens pagabbli in konnessjoni mal-ahhar appalt.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali spedita f’Settembru 1996.

Il-konvenut imharrek ghas-subizjoni li ghaliha min issa qieghed jigi ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Mizzi fejn eccepixxa:

Preliminarjament illi c-citazzjoni hija nulla peress illi hija konfuza b’mod illi l-konvenut ma jistax ikun jaf ghal-liema appalti qed jirreferi l-attur meta jitkellem dwar is-somma li qed jippretendi ta’ Lm475 u ghalhekk hija konfuza l-ewwel talba ta’ l-attur ghaliex il-konvenut ma jistax jaghmel id-difiza tieghu fuqha.

Illi fil-mertu l-konvenut m’ghandu jaghti xejn lill-attur ghal xi appalti anterjuri ghal dak ta’ l-ahhar imsemmi fic-citazzjoni u fi kwalunkwe kaz kwalunkwe azzjoni ghal xi pagament allegatament dovut hija preskritta bil-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar skond l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ahhar appalt il-konvenut kien gustifikat li jittermina l-appalt lill-attur minhabba dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghol u ghal dak li jirrigwarda l-qtugh li lahaq ghamel l-attur il-konvenut kien dejjem lest li jhallsu tieghu basta li l-ewwel l-attur inehhi l-materjal li qata’ kif miftiehem u jigi mkejjel ix-xoghol li ghamel;

Illi ghalhekk fil-likwidazzjoni ta’ l-ammont dovut lill-attur ghal dan ix-xoghol mhux biss irid jitkejjel ix-xoghol li ghamel imma mir-rata mifthema jrid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt illi l-attur ma nehhiex il-materjal.

Illi ghalhekk fi kwalunkwe kaz il-konvenut ma ghandu jehel xejn mill-ispejjez ta’ din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Ezaminat il-process;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2003 gie verbalizzat 'inter alia' li "deher Dr Michael Grech ghall-attur li nforma l-Qorti illi l-meritu jinsab ezawrit u jonqos biss li jigi definit il-kap tal-ispejjez". Dan l-istat baqa' inalterat fis-sens li ma giex kontradett fl-udjenza sussegwenti u l-Qorti halliet ghalhekk il-kawza biex tigi deciza fuq il-kap tal-ispejjez.

Issa mill-inkartamenti a disposizzjoni tal-Qorti, ossija dawk li jezistu fl-atti, hemm biss id-dikjarazzjonijiet rispettivament guramentati tal-partijiet. Huwa fuq dawn li l-Qorti tista' taghmel l-gudizzju taghha fuq il-kap tal-ispejjez. Jidher pero' li l-kawza tirrigwarda u hija bbazata fuq l-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili li riprodott testwalment jghid:

i. minn jaghti x-xoghol jista' jholl, meta jrid, il-kuntratt, ghalkemm ix-xoghol ikun diga' beda;

ii. jekk ma jkunx hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu flimkien ma' somma li tigi meqjusa mill-Qorti, skond ic-cirkustanzi, izda mhux izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt;

iii. jekk ikun hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez tal-appaltatur u l-valur tax-xoghol, wara li jittiehed qies ta' l-utilita' ta' dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-xoghol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra;

iv. kull somma moghtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel mal-kuntratt ikun inhall ghandha tigi applikata ghal dak dovut skond is-subartikolu (2) u (3) ta' dan l-artikolu u l-appaltatur ghandu jrodd lil min ikun ta x-xoghol kull eccess li jirrizulta;

v. il-kuntratt jinhall immedjatament malli min ikun ta x-xoghol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-decizjoni tieghu li jholl il-kuntratt, u dan bla htiega ta' ebda awtorita' jew konferma mill-Qorti.

Illi fuq il-kunsiderazzonijiet ta hawn fuq il-Qorti hi tal-fehma li l-ispejjez ghandhom jigu spartiti ugwalment.

Qeghdha ghalhekk tiddisponi mill-kawza billi tastjeni mill-tiehu aktar konjizzjoni tal-meritu billi l-istess jinsab esawrit. Fuq il-kap tal-ispejjez tiddeciedi li ghandhom jibqghu bla taxxa, spejjez tar-registru bin-nofs.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
Ghar-Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------